Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Rikors numru: 40/2015/1

**Joyce Vella James**

**Vs**

**Alfred Testa**

It-Tnejn, 2 ta' Lulju 2018.

Permezz ta' rikors ipprezentat fid-29 ta' Jannar 2015, l-attrici talbet lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) sabiex tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' €8,833 rapprezentanti sehemha mis-somma ta' €53,000 li kienet giet mislufa lill-konvenut minn omm il-partijiet li huma ahwa u li, skont ftehim datat 21 ta' April 2011 il-konvenut kellu jirrifondi lill-werrieta ta' ommhom, inkluz ghalhekk lill-attrici, entro sentejn mid-data tal-mewt ta' omm l-attrici, cioe` entro Ottubru tas-sena 2014.

Permezz ta' risposta pprezentata fl-10 ta' Marzu 2015, il-konvenut Alfred Testa wiegeb:-

*"Illi preliminarjament, l-azzjoni attrici hija irrita u nulla billi l-kreditu pretiz mill-attrici huwa porzjon indiviz minn kreditu li jappartjeni b'mod intier u indiviz lill-assi ereditarju ta' Carmela Testa (D 0163019M), omm il-partijiet li mietet fil-31 ta' Ottubru 2012, li l-wirt taghha ghadu indiviz, b'mod illi mhuwiex lecitu ghall-attrici li titlob sehemha minn kreditu individwali appartenenti lil tali assi ereditarju qabel ma ssir il-qasma jew alternattivament jghaddu ghaxar snin mill-ftuh tas-successjoni ai termini ta' l-art. 495(3) Kap 16;*

*Illi, fil-mertu, strettament minghajr pregudizzju, l-attrici hija debitrici fil-konfront ta' l-esponenti ta' somma ikbar, li hija certa, likwida u dovuta, u ta' somom addizzjonali li ghadhom illikwidi, relattivament ghall-operazzjoni*

*kummercjali li l-partijiet kienu jiggestixxu flimkien taht l-isem "All Saints Bar And Restaurant", u dan peress illi l-operazzjoni kummercjali kienet u ghadha l-mertu ta' proceduri gudizzjarji ma' terzi persuni u ghalhekk ma kienx possibbli sa issa li l-kontijiet relattivi ghall-istess negozju jigu likwidati u maghluqa definittivament;*

*Illi l-partijiet damu joperaw l-istabbiliment imsemmi mill-1 ta' Lulju 1981 sal 31 ta' Marzu 1998, u matul dan il-perjodu u sa recentement dejjem qasmu fuq bazi ta' hamsin fil-mija kull wiehed l-introjti u l-ispejjez kollha relattivi ghal tali gestioni; huwa recentement biss, pero, li l-attrici, wara li hadet sehemha mill-konsiderazzjoni li thallset lill-partijiet ghat-twellija ta' l-istess negozju, qed tirrifjuta li thallas sehemha minn diversi debiti konnessi ma l- istess negozju li gew likwidati permezz tas-sentenza tal-31 ta' Meiju 2005 fl-ismijiet Beatrice Fenech et vs Alfred Testa et (Cit. Nru 963/98JRM), kif sussegwentement regolati ukoll mid-digriet tal 31 ta' Jannar 2010 moghti fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Nru 1437/05 fl-istess ismijiet, Rik. Nru 1010/2005LFS, u kif suggetti ukoll ghall-kawza fl-istess ismijiet li ghadha pendenti quddiem l-Onora Bord li Jirregola l-Kera (Rik. Nru 74/11 GG, diff. 16.03.2015);*

*Illi l-pretensjonijiet illi l-esponent ghandu fil-konfront ta' l-attrici jezorbitaw mill-kompetenza ta' dina l-Onorabbli Qorti u ghalhekk ma tistax issir kontrotalba f'dawn il-proceduri (apparti l-pregudizzjali msemmija fl-ewwel eccezzjoni preliminari): ghal dawn ir-ragunijiet, l-esponent, minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni preliminari, qieghed fil-mertu jeccepixxi t-tpacija, u billi tali tpacija tinvolvi sija somom likwidi u sija somom illikwidi li jaqbzu l-kompetenza ta' dina l-Onorabbli Qorti, jitlob li f'dawn il-proceduri jkun hemm soprasessjoni u differiment sine die sakemm jigu finalment decizi l-proceduri li l-esponenti sab ruhu kostrett li jiftah kontra l attrici fl-ismijiet inversi quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili, u dan sakemm ikun hemm decizjoni finali f'tali proceduri."*

Permezz ta' sentenza moghtija fit-30 ta' Ottubru 2017, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) iddecidiet is-segwenti:-

***"Tichad** l-eccezzjonijiet kollha ta' l-intimat,*

***Tilqa'** t-talba attrici kif dedotta, u ghalhekk*

***Tikkundanna** lill intimat Alfred Testa jhallas lir-rikorrenti is-somma ta' tmint elef, tmien mija u tlieta u tletin Euro u tlieta u tletin centezmu (€8,833.33) rappresentanti s-sehem tar-rikorrenti mis-somma ta' tlieta u hamsin elf Euro (€53,000) illi kienet giet mislufa lill-intimat minn omm ir-rikorrenti u li, skond ftehim datat 21 ta' April 2011, l-intimat kellu jirrifondi s-sehem tal-werrieta, li jinkludi s-sehem tar-rikorrenti, entro sentejn mid-data tal-mewt ta' omm ir-rikorrenti, u cioe' entro Ottubru tas-sena 2014.*

***Spejjez** kollha tal-proceduri odjerni u **Imghax** kalkolabbli mill-1 ta' Novembru 2014 sad-data tal-pagament effettiv ikun a kariku ta' l-intimat."*

Illi minn din is-sentenza appella l-konvenut permezz ta' rikors ipprezentat fl-20 ta' Novembru 2017. L-aggravji tieghu jittrattaw is-segwenti:-

i. l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta qieset li l-kreditu dovut lill-attrici huwa ezegwibbli ghaliex il-kreditu jappartjeni lill-wirt ta' ommu li sal-lum ghadu mhux kollu diviz;

ii. l-ewwel qorti kellha tissoprasjedi sakemm tigi deciza l-kawza li l-konvenut istitwixxa quddiem il-Prim'Awla ghal-likwidazzjoni u hlas tal-kreditu li jghid li ghandu fil-konfront tal-attrici u ohrajn, galadarba rnexxielu jipprova fil-proceduri odjerni li *prima facie* dan il-kreditu jezisti;

iii. f'kull kaz, billi l-ammont pretiz mill-attrici m'huwiex naxxenti minn obbligazzjoni kummercjali, l-imghax ma setax jibda jiddekorri hlief mid-data tal-ewwel interpellazzjoni ghall-hlas u mhux kif iddecidiet l-ewwel qorti, mill-1 ta' Novembru 2014.

Fit-3 ta' Jannar 2018, l-attrici wiegbet li l-appell tal-konvenut ghandu jigi michud ghaliex is-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma u dan ghar-ragunijiet imsemmija fir-risposta tal-appell.

Fis-sentenza l-ewwel qorti qalet:-

*"Jirrizulta li l-intimat … … … … fil 21 ta' April 2011 kien dahal fi skrittura privata ma' Carmela Testa fejn saret dikjarazzjoni illi l-istess Carmela Testa kienet sellfet l-ammont ta' €58,000 lill-intimat Alfred Testa (fol 20) filwaqt illi fil 11 ta' Awissu 2011 l-intimat Alfred Testa kien obbliga ruhu illi jghaddi tali self minghajr interessi lill-eredi ta' Carmela Testa fi zmien mhux aktar tard minn sentejn minn meta tmut hi.*

*Jirrizulta illi Carmela Testa mietet fil 31 ta' Ottubru 2012 u fit-23 ta' Jannar 2013 saret id-Dikjarazzjoni Causa Mortis ta' l-istess Carmela Testa bejn l-ahwa kollha. (fol 52).*

*Jirrizulta illi fil-Causa Mortis ma saret ebda referenza ghad-dejn illi l-istess intimat kellu ma' Carmela Testa u ghall-obbligazzjoni tieghu illi jghaddi s-sehem tal-werrieta kollha ta' tali dejn sa zmien sentejn minn meta tkun mietet.*

*Jirrizulta illi fit-28 ta' Jannar 2015, ftit aktar minn sentejn wara il-mewt ta' Carmela Testa, l-intimat dahal fi ftehim 'dato in solutum' ma' l-ahwa kollha, salv ir-rikorrenti, fejn, ghas-saldu tad-dejn lilhom dovut ai termini tal-ftehim milhuq ma' ommhom Carmela Testa, huwa kien qieghed jghaddilhom is-sehem tieghu ta' maisonette u garage gewwa Birkirkara.*

*Jirrizulta illi f'tali ftehim, huwa ma hallasx lir-rikorrenti is-sehem taghha.*

*Jirrizulta illi, skond l-intimat, ir-rikorrenti, flimkien mad-defunt ragel taghha, Ronald Vella James, kellhom partnership ma' l-intimat fit-tmexxija ta' bar and restaurant bl-isem ta' 'All Saints", fi Qawra Road, Qawra, minn liema partnership l-intimat jikkontendi illi huwa ghandu jiehu flus minghand l-intimata f'ammont akbar minn dak pretiz mir-rikorrenti.*

*Jirrizulta illi sussegwentement ghall-ftuh tal-proceduri odjerni da parte tar-rikorrenti, l-intimat nieda proceduri quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fejn, inter alia, talab illi jigi dikjarat illi kien hemm partnership bejnu u bejn ir-rikorrenti w il-mejjet zewgha u illi, minkejja li gew likwidati bonarjament l-assi ta' bejniethom, ghad hemm pendenzi dovuti, li huwa kkwantifika fil-valur ta' €17,597.07, nofs liema ammont kellu jithallas mir-rikorrenti u l-eredi tal-mejjet zewgha, ossija t-tfal taghha.*

*Jirrizulta ben car illi tali ammont ma huwiex cert likwidu w dovut, stante illi l-partnership illi l-intimat jishaq illi kienet tesisti, qatt ma giet redatta bil-kitba u ghad trid tigi ppruvata u ddikjarata ezistenti, filwaqt illi l-ispejjez ghadhom ma gewx kkwantifikati b'mod konklussiv u, ghalhekk, ma humiex dovuti.*

*Jirrizulta, mill-banda l-ohra, illi l-intimat qatt ma ikkontesta illi s-sehem tar-rikorrenti mill-ammont lilu misluf minn ommhom, ossija l-ammont ta' tmint elef, tmien mija u tlieta u tletin Euro u tlieta u tletin centezmu (€8,833.33), ma huwiex dovut, izda dejjem sahaq illi l-intimata kellha troddlu lura somma flus ferm akbar.*

*Jirrizulta wkoll illi, a differenza ta' dak minnu eccepit fl-ewwel eccezzjoni tieghu, dana id-dejn gia gie rez diviz mill-intimat stess, meta huwa ftiehem mal-ahwa kollha fit 28 ta' Jannar 2015 u hallashom is-sehem taghhom ta' tali dejn billi ghaddhilhom is-sehem tieghu ta' propjeta illi kellhom in komuni, u ghalhekk ma huwiex verosimili dak minnu mressaq fl-ewwel eccezzjoni illi tali azzjoni hija irrita u nulla, stante illi tali azzjoni odjerna kienet dettata mill-fatt illi kien l-intimat stess li hallas lill-ahwa kollha bl-eccezzjoni tar-rikorrenti.*

*Jirrizulta, ghalhekk, illi filwaqt li l-ewwel eccezzjoni ta' l-intimat ma tirrizultax stante illi t-talba giet reza divizibbli rizultat tal-kuntratt iffirmat mill-intimat fit 28*

*ta' Jannar 2015, l-eccezzjonijiet l-ohra ta' l-intimat huma insostenibbli stante illi s-somma akbar pretiza mill-intimat la hija certa, u wisq anqas likwida u dovuta, stante illi ghad irid jigi ppruvat illi kien hemm partnership u, jekk dana jigi ppruvat, ikun ghad irid jigi ppruvat illi hemm xi somma dovuta lill-intimat.*

**L-Ewwel Aggravju.**

Dan l-aggravju huwa msejjes fuq il-premessa li l-kreditu pretiz mill-attrici jifforma parti mill-wirt tal-partijiet, Carmela Testa, liema wirt ghadu mhux kollu diviz. Ma jidhrix li huwa kontestat mill-attrici li sal-lum fadal diversi assi tal-eredita` x'jigu divizi bejn il-ko werrieta ta' Carmela Testa.

Il-konvenut jikkontendi li peress li s-sehem indiviz tal-kreditu pretiz mill-attrici f'din il-kawza, ghadu ma giex assenjat lilha, l-istess attrici bhala ko-werrieta ma setghetx tipprocedi b'din l-azzjoni biex tirkupra sehemha minn dan il-kreditu. Il-konvenut fisser dan l-aggravju billi jghid illi sakemm ma ssirx il-qasma tal-wirt, il-werriet ma jitqiesx li ghandu l-pussess ta' sehem indiviz ta' kull proprjeta` li hemm fil-wirt, inkluz krediti monetarji, u jghid li din il-pozizzjoni hija konfortata mill-gurisprudenza in materja li tqis bhala invalida fil-konfront ta' terzi l-kostitituzzjoni ta' pizijiet ipotekarji fuq, kif ukoll l-aljenazzjoni ta', sehem indiviz minn proprjeta` immobbiljari formanti parti minn wirt li ghadu mhux diviz, u dan sakemm issir il-qasma tal-wirt kollu.

L-ewwel Qorti qalet li l-kreditu mertu tal-kawza gie rez divizibbli mill-konvenut stess meta ssalda s-sehem ta' hutu l-ohra kollha minn dan il-kreditu, bl-eccezzjoni tal-attrici, permezz ta' kuntratt tat-28 ta' Jannar, 2015 liema kuntratt il-konvenut jghid li huwa *res inter alios acta* ghall-attrici.

Il-qorti tosserva li fil-11 ta' Awissu, 2011 jirrizulta li l-konvenut u Carmela Testa ffirmaw skrittura privata fejn ghamlu riferenza ghall-kreditu ta' €58,000 li Carmela Testa ghandha fil-konfront tal-konvenut, u ftehmu:

*"Illi l-partijiet qeghdin jaqblu u jiftehmu illi dan is-self minghajr interessi ghandu jithallas lil eredi ta' Carmela Testa fi zmien mhux iktar tard minn sentejn mid-data tal-mewt tal-kreditrici"*.

Fl-affidavit il-konvenut xehed[1]:

> *"Eventwalment, wara li mietet ommi,* ***jiena ddecidejt li nara x'se naghmel biex nissetilja ma' huti qabel ma jibdew ighaddu l-imghaxijiet, u fil-fatt jiena kont ftehemt maghhom li ncedilhom sehmi minn proprjeta li tifforma parti mill-wirt sabiex naqta'****. Madankollu jiena minn dan il-ftehim qtajt lill-ohti Joyce barra ghaliex matul is-snin kont tajtha hafna flus biex nghinha, u kienet debitrici lejja ta' somma hafna ikbar in konnessjoni man-negozju li jiena kelli maghha u mar-ragel taghha, illum mejjet, Ronald Vella James"*.

Kliem li ma jhalli l-ebda dubju li l-konvenut stess irrikonoxxa li kull wiehed minn hutu kellu jedd ghal-sehmu mill-kreditu. Ahwa b'kollox kien hemm sitta (jinkludi lill-konvenut). B'hekk is-sehem dovut hu proprju dak li qeghda titlob l-attrici, gialadarba xehedet li mis-somma ta' €58,000 kien hallas lill-ommhom is-somma ta' €5,000.[2]

Fil-fatt il-konvenut hallas dak li kellu jaghti lil hutu l-ohra permezz ta' *dato in solutum* li sar b'kuntratt tat-28 ta' Jannar 2015 fl-atti tan-Nutar Reuben Debono.[3] Il-konvenut isostni li:

> *"...... hutu hadu dak li huwa rrilaxxja favur taghhom akkont ta' sehemhom mill-wirt, u jekk ma jintlahaqx ftehim dwar il-qasma tal-kumplament tal-wirt ikollha ssir divizjoni fejn l-esponent ghandu dritt jitlob illi l-parti li ghadha ma thallsitx mill-ammont li kellu jaghti lill ommu jitnaqqas miss-ehem li jmiss lilu"*.

Argument li m'huwiex rifless fil-kuntratt ta' *datio in solutum* fuq imsemmi, tant hu hekk li m'hemmx kundizzjoni f'dak is-sens.

Il-kovenut hu debitur ta' kull wiehed mill-werrieta ta' Carmela Testa. Dan ovvjament skont is-sehem li ghandu fil-wirt. L-argument li sakemm ma ssirx il-qasma, il-werriet

---

[1] Fol. 59.

[2] Fol. 12.

[3] Dok. JVJ1 a fol. 38.

ma jkunx jaf x'ser imissu[4], hu rrilevanti ghal finijiet ta' din il-kawza. Il-konvenut qal li,

> *"…. Jekk kull werriet jibda jbiegh jew jipoteka ishma indivizi 'l hemm u 'l hawn, jigu eluzi r-regoli partikolari li jiggvernaw il-qsim tal-ereditajiet, bhal per ezempju d-dritt tal-werrieta l-ohra li jirkupraw sehem ta' wirt mibjugh lill-barranin, jew id-dritt ta' werriet li jigi assenjat proprjeta limitrofa ghall-proprjeta tieghu".*

L-ezempji li ta l-konvenut m'ghandhom x'jaqsmu xejn mal-kaz in ezami. Il-fatt li l-konvenut hu wiehed mill-werrieta ta' Carmela Testa hu wkoll irrilevanti. Meta kienet iffirmata l-iskrittura tal-11 ta' Awissu 2011 jista' jinghad li Carmela Testa kkuntrattat a vantagg ta' kull wiehed mill-werrieta taghha. Ghalhekk kif ghaddew is-sentejn mid-data tal-mewt ta' Carmela Testa, il-konvenut kellu l-obbligu li jhallas lil kull wiehed mill-werrieta taghha, sehem mill-kreditu. Dan kien ovvju sa minn meta gew iffirmati l-iskritturi, tant hu hekk li l-ftehim kien li l-hlas isir fi zmien sentejn mill-mewt ta' Carmela Testa. Ghall-qorti dan fih innifsu juri li l-intenzjoni tal-konvenut u Carmela Testa kien li l-hlas ma jkunx jiddependi mill-qasma tal-wirt.

**<u>It-Tieni Aggravju.</u>**

Hawnhekk il-konvenut, ghalkemm jghid li ma jridx jidhol fil-mertu tal-kawza li huwa fetah kontra l-attrici u l-eredi ta' zewgha ghal-likwidazzjoni u hlas tal-kreditu li jippretendi li ghandu kontrihom mill-gestjoni tal-istabbiliment bl-isem "All Saints", jaghmel proprju l-maqlub. Il-konvenut jispjega li fl-isfond tal-provi kollha li ressaq quddiem l-ewwel qorti biex juri l-ezistenza tal-kreditu li jippretendi li ghandu kontra l-attrici, l-istess qorti kellha tissoprasjedi sakemm tigi deciza l-kawza fuq imsemmija. B'hekk tkun tista' topera t-tpacija *ex lege* bejn il-krediti reciproci tal-kontendenti.

Izda din il-qorti tqis li l-mertu tal-kawza l-ohra, li ghadha *sub judice*, huwa kompletament irrelevanti ghall-finijiet ta' din il-kawza.

---

[4] Ara pagna 6 tar-rikors tal-appell.

Is-soprasessjoni hija eccezzjoni ghar-regola generali li kull kawza ghandha tinstema' sakemm tigi deciza u ssehh biss f'kazijiet eccezzjonali u f'cirkostanzi li jkunu gravi u serji bizzejjed biex jiggustifikaw li l-kawza ma tkomplix mismugha sakemm tinqata'[5]. Barra minn hekk, l-eccezzjoni kontemplata fil-Kapitolu 12 maghrufa bhala *lis alibi pendens,* tipprospetta necessarjament li jkun hemm zewg kawzi ghaddejjin fl-istess waqt li jkollhom l-istess mertu[6].

Izda huwa manifest li l-kawza odjerna u dik proposta mill-konvenut quddiem il-Prim'Awla (Rikors 233/2015) m'ghandhomx l-istess mertu: filwaqt li l-azzjoni odjerni hija dwar hlas ta' sehem l-attrici minn kreditu dovut lill-eredita` ta' ommha, il-kawza l-ohra hija dwar pretensjoni naxxenti minn ftehim ta' shubija li l-konvenut jghid li kellu ma' zewgt l-attrici, illum mejjet, liema pretensjoni ma ghandha x'taqsam xejn mal-qsim tal-wirt ta' Carmela Testa u lanqas mal-kreditu li l-istess Carmela Testa kellha fil-konfront tal-istess konvenut.

Huwa evidenti, kif ukoll ammess mill-konvenut innifsu, li huwa kellu jipproponi kawza l-ohra peress li l-kreditu pretiz minnu ghadu m'huwiex likwidat u l-likwidazzjoni tal-kreditu hija mehtiega biex jista' jibbenefika minn tpacija *ope legis* bejn iz-zewg krediti reciproci. Intqal:-

> *"… … … t-twaqqif ta` smigh ta` kawza biex tistenna l-ezitu ta` kawza ohra li diga` tressqet jew sakemm titressaq wahda fuq punt eccezzjonali huwa rakkomandat biss fil-kaz meta jkun hemm lok ghas-soluzzjoni ta` xi punt li minnu ta` bilfors tiddependi l-kawza li sejra titwaqqaf."*[7]

Fil-provvediment li tat fit-3 ta` April 2014 fil-kawza **Sylvana Tanti vs Noel Tanti et,** il-Prim'Awla qalet:-

> *"Illi l-Qrati taghna ammettew is-soprasessjoni ta` kawza jew ta`procediment meta soprasessjoni tkun spedjenti. (Kollez Vol XXXIX.I.467 ; Appell Civili –*

5 App.Civ.: 28.10.1935 fil-kawza fl-ismijiet **Sir Ugo Mifsud noe vs Guido Abela et.**(Kollez. Vol:XXIX.i.1295). Ara wkoll **Peter Arrigo Ltd vs Avv. Dr. Christopher Cilia nomine et**, deciza fil-11 ta' Dicembru 2003.

6 P.A. Kost.: 12.8.1994 fil-kawza fl-ismijiet **Lawrence Cuschieri vs Onor. Prim Ministru et** (Kollez. Vol: LXXVIII.i.171)

7 P.A. 12.4.1962: **Azzopardi et vs Critien pro et** (Kollez. Vol: XLVI.ii.591) u App. Civ. 6.10.1999: **Grima et vs Frendo et** (Kollez. Vol: LXXXIII.ii.393).

*"**Cassar vs Xuereb**" – 12 ta` Marzu 1973). L-ispedjenza ma tistax tkun mera possibilita` … Illi fis-sentenza taghha tal-5 ta` Ottubru 1981 fil-kawza **"Degaetano vs Galea et noe"**, il-Qorti tal-Appell qalet hekk: "Is-soprasessjoni hemm lok ghaliha meta l-ezitu tal-kawza li tigi soprasseduta jkun jiddependi jew almenu jkun jista` jiddependi mill-ezitu ta` kawza ohra, u ghalhekk ma jistax ikun hemm lok ghas-soprasessjoni jekk ma tezistix din id-dipendenza jew almenu l-potenzjalita` ta` din id-dipendenza."*

Mizmum ferm dak kollu premess, din il-qorti tqis li m'hemmx lok ghas-soprasessjoni, u ghalhekk it-tieni aggravju huwa infondat u qed jigi respint.

**<u>It-Tielet Aggravju.</u>**

Il-konvenut jikkontendi li l-ewwel qorti kienet zbaljata meta ordnat illi l-imghax fuq is-sorte mitlub f'din il-kawza huwa dovut mill-1 ta' Novembru 2014, id-data meta d-debitu kellu jithallas lill-eredi ta' Carmela Testa. Isostni li billi l-obbligazzjoni hi civili u mhux kummercjali, tghodd ir-regola generali li l-imghax jibda jghaddi mid-data tal-ewwel interpellazzjoni.

Il-qorti tqis li f'dan l-aggravju l-konvenut ghandu ragun meta tqies li fl-att gudizzjarju li bih inbdew dawn il-proceduri, l-attrici talbet hekk: ***"u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tal-avviz kontra l-intimat"***. L-ewwel qorti ma kellhiex taghti iktar milli talbet l-attrici.
Ghalkemm huwa minnu li fl-iskrittura tal-21 ta' April 2011 gie miftiehem illi d-debitu jrid jithallas fi zmien sentejn minn meta l-kreditrici tkun defunta u li ma jghaddux imghaxijiet tul is-sentejn imsemmija, fl-iskrittura tal-11 ta' Awissu 2011[8] l-imghax ma jissemmiex.

Il-Kodici Civili jipprovdi kif gej dwar l-imghaxijiet:-

> *"1141. (1) Jekk l-obbligazzjoni tkun ta` xorta kummercjali jew jekk il-ligi tkun tiddisponi li l-imghaxijiet ghandhom jibdew ighaddu ipso jure, l-imghaxijiet ghandhom ighaddu minn dakinhar li l-obbligazzjoni kellha tigi esegwita.*

[8] Fol. 20.

*(2) F`kull kaz iehor, l-imghaxijiet ghandhom ighaddu minn dak in-nhar illi ssir sejha ghall-hlas b'att gudizzjarju, ghalkemm fil-ftehim ikun gie stabbilit zmien ghall-esekuzzjoni ta` l-obbligazzjoni."*

F'dan il-kaz jidher li l-obbligazzjoni ma kinitx ta' natura kummercjali u ghalhekk, ghad li l-obbligazzjoni kellha tigi ezegwita sa zmien sentejn mill-mewt ta' Carmela Testa[9], l-imghax mitlub mill-attrici ma setax jibda jiddekorri kif jaghlaq dak it-terminu, izda jibda jiddekorri minn meta d-debitur ikun interpellat biex ihallas:-

*"Ghall-iskop tad-dekorriment ta` l-imghax hu mehtieg interpellazzjoni formali biex id-debitur jitqieghed in mora. Jigifieri, "una interpellazione specifica pel pagamento dei lucri e non una semplice intimazione al debitore di eseguire la sua obbligazione" (Kollez. Vol. XVI P I p 84)."*[10]

L-attrici ma tatx prova li qabel ipprezentat il-kawza kienet interpellat lill-konvenut sabiex ihallas bil-mod li trid il-ligi. Ghalhekk l-att gudizzjarju li bih inbdiet il-kawza hi fiha nnifisha sejha ghall-hlas b'att gudizzjarju. Konsegwentement, l-imghax ghandu jithallas mid-29 ta' Jannar 2015, li hi d-data meta kienet prezentata l-kawza.

**Ghaldaqstant, il-Qorti tilqa' *in parte* l-appell tal-konvenut u tirriforma s-sentenza appellata billi tikkundanna lill-konvenut ihallas l-imghax mid-29 ta' Jannar, 2015, cioe' d-data meta l-attrici pprezentat il-kawza. Ghall-kumplament tikkonferma s-sentenza tal-ewwel qorti.**

**Spejjez tal-appell jinqasmu in kwantu ghal 3/20 mill-attrici u 17/20 mill-konvenut.**

Anthony Ellul

---

[9] Carmela Testa mietet fil-31 ta' Ottubru 2012, u l-obbligazzjoni saret ezegwibbli fl-1 ta' Novembru 2014, sentejn wara.

[10] **Dalmas vs. German** – deciza mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Marzu 2005.